# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

17 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera
Stephen Caruana - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 31.1 | Qari ta' Ittri ta' Apologiji |
| 31.1.1 | Ma kienx hemm |
| 31.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 31.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduta numru 29 u seduta numru 30, kienu tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 31.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, il-minuti ta' seduta 29, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 31.2.3 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett. |
| 31.2.4 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sur Daniel Zerafa, il-minuti ta' seduta 30, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 31.2.5 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett. |
| 31.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 31.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-14 t'Ottubru 2016, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' mas-Sur Alex Farrugia (MEIB) bil-ghan illi tigi diskussa l-possibilita' illi tittella' attivita' relatata mal-Milied. |
| 31.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-18 t'Ottubru 2016, kienet zaret Marasaxlokk delegazzjoni mill-Gappun li kienet tinkudi Sindki u rapprezentanti ta' entitajiet governattivi u kienu gew diskussi fost l-ohrajn l-industriji tas-Sajd, il-gbir ta' skart u l-ilma. |
| 31.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-21 t'Ottubru 2016 kien iltaqa' mas-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Onor. Konrad Mizzi u kienet giet diskussa l-possibilita' illi jkun hemm kollaborazzjoni mal-belt ta' Gera gewwa Sqallija. |
| 31.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar il-25 t'Ottubru 2016 kienu saru intervisti b'konnessjoni ma' skema li permezz taghha il-Kunsill Lokali kien ser jimpjega fuq bazi *part-time* persuna bi bzonnijeit specjali. |
| 31.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi najr l-1 ta' Novembru 2016 kien zamm laqgha ma' zviluppaturi u ERA rigward tisbieh u zvilupp fiz-zona tal-maghluq. |
| 31.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-28 ta' Ottubru 2016, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera Janice Chetcuti kien iddiskuta l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali jissieheb fi progett taht il-programm Interreg. Is-Sur Gauci sahaq illi minhabba li ma kienx hemm bizzejjed zmien u informazzjoni, il-Kunsill Lokali ma kienx ikkommetta ruhu. |
| 31.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi najr it-2 ta' Novembru 2016 kien gie intervistat minn grupp ta' studenti ta' EKOskola dwar materji relatati mal-gbir ta' skart. |

| | |
|---|---|
| 31.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier Daniel Zerafa kien iltaqa' ma' bejjiegh tal-haxix li kien qieghed jitlob illi jinghata koncessjoni li jipparkja l-vettura tieghu fi Triq Xatt is-Sajjieda. |
| 31.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-5 ta' Dicembru 2016, kien attenda flimkien mas-Sur Steven Grech ghal-laqgha annwali tas-Sindki u Vici-Sindki organizzata mill-Assocjazzjoni ghall-kunsilli Lokali. |
| 31.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi bejn it-8 u d-9 ta' Novembru 2016 kien attenda ghal summit tas-Sindki li kien sar f'Rotterdam gewwa l-Olanda. Is-Sur Gauci sahaq illi ghall-imsemmija attivita' il-Kunsill Lokali ma kien dahal fl-ebda spejjez. |
| 31.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-11 ta' Novembru 2016 kien iltaqa' mal-Ghaqda Sajjieda tal-Karrijiet ta' Marsaxlokk li min-naha taghha kienet ressqet it-thassib tal-membri taghha dwar postijiet li fihom setghu jithallew il-karrijiet fuq l-art matul il-perjodi differenti tas-sena. |
| 31.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-11 ta' Novembru 2016 kien iltaqa' ma' zewg residenti minn Triq il-Port Ruman u kienet giet kjarifikata materja dwar petizzjoni li kienet saret. |
| 31.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-3 ta' Novembru 2016 kellha tinzamm laqgha ma ufficjali ta' LESA, liema laqgha ma kenitx inzammet peress illi hadd ma attenda f'isem l-agenzija msemmija. |
| 31.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera |
| 31.4.1 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv ''wara li sar is-survey tal-monti ta' Nhar ta' Hadd, il-pjanta u t-tqassim tal-posti f'liem stadju waslu?''<br>Is-Segretarju Ezekuttiv irrisponda illi minhabba li kien hemm problemi kbar fis-suq fil-berah, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha flimkien mal-persuni li kienu qieghdin jahdmu fuq ir-rigenerazzjoni tas-suq fil-berah twettaq ezercizzju ta' verifika. L-ezercizzju gie konkluz u ser tinzamm laqgha (probabilment fit-22 ta' Novembru 2016) sabiex jigi deciz x'ser ikunu l-passi mehtiega biex tigi konkluza l-materja. |
| 31.4.2 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv ''wara li twahhlu floodlights temporanji madwar ix-xatt (fejn ta' min isemmi li jisthgu jibqghu hemm) x'inhi s-sitwazzjoni tal-armoured cable li kellu jinbidel u idawwlu l-arbli li hemm''.<br>Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li minn informazzjoni li kellu l-Kunsill Lokali x0xoghol kien gie approvat u inghata bidu ghall-process ta' xiri tal-apparat. Minhabba proceduri legali dan seta' jiehu xi ftit taz-zmien. |
| 31.4.3 | Is-Sur Daniel Zerafa staqsa '' fir-rigward tax-xogholijiet li qieghda sar/ghadu isir fuq il-bankina ta' triq it-Trunciera wara il-hardstanding u quddiem slipway. Konna imwieghda li ser isir wicc it-triq ta' quddiem slipway, nixtieq insaqsi f'dan l-istadju fejn wasal dan ix-xoghol u x'se jigri 'il quddiem''.<br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi x-xoghol kien ser isir minn kuntrattur privat u ma kien ser ikun hemm ebda hlas mill-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant, wiehed ma jistax jimponi fuq il-kuntrattur biex jaghmel ix-xoghol. Il-proposta kienet ghadha valida u seta jsir kuntatt mal-kuntrattur ikkoncernat sabiex jigi stabbilit x'ser jigri. |

| | |
|---|---|
| 31.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa ''F'hiex waslu fuq il-kwistjoni tal-imwejjed u s-siggijiet''. Dwar il-UIF biex isir il-patching fit-toroq u bihom isir gnien wara l-parking tal-ground tal-football'', ''Hemm problema fid-drenagg ta' bejn Trqi Duncan kantuniera ma Triq tas-Silg biex naraw min hu responsabbli''. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kienu qieghdin isiru l-preparamenti sabiex l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tibda' tahdem fuq il-kwitjoni tal-imwejjed u siggijiet. Rigward il-mistoqsija segwenti, is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi ma setax jaghti risposta peress illi l-materja kienet tirrikjedi decizjoni mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju sahaq ukoll illi kienet intalbet l-ghajnuna tad-Drainage Dept. sabiex isir ix-xoghol mehtieg u ma jergax ikun hemm sadd. Is-Sur Hall zied jghid illi minn informazzjoni li kellu s-sadd kien qieghed jigi kkawzat minn fdalijiet tal-hut li kienu qieghdin jintefghu fis-sistema. |
| 31.5 | Rapporti |
| 31.5.1 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' sett ta' bye-laws li kellu jirregola karrijiet u opri tal-bahar f'zoni riservati ghas-sajjieda. Wara li inqraw is-sett ta' bye-laws b'decizjoni unanima gie maqbul illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi hekk kif legalment stabbilit minghajr ma jsiru emendi. |
| 31.5.2 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien hejja l-bord li kien inhatar sabiex jaghmel l-interviews lill-kandidati eligibbli taht l-iskema CIES. Wara li nqara r-rapport imsemmi, fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur John Farrugia, il-persuna rakkomdanata mill-bord kellha tigi impjegata mal-Kunsill Lokali permezz tal-iskema CIES. |
| 31.6 | Milied 2016 |
| 31.6.1 | Is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienu twahhlu numru ta' disinji ma' Triq Xatt is-Sajjieda u Pjazza Madonna ta' Pompei. Id-Disinji kienu mahduma fl-injam u kienu saru b'mod volontarju minn numru ta' residenti. |
| 31.6.2 | Is-Sindku talab lill-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar jekk kellhiex issir l-ikla li soltu ssir fl-okkazjoni ta' zmien il-Milied jew inkella festin. Wara diskussjoni qasira gie stabbilit illi kellu jittella' festin nhar it-23 ta' Dicembru 2016. |
| 31.7 | Haddiema Assenjati |
| 31.7.1 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali ghad-diskussjoni performance appraisal reports ghall-haddiema assenjati. Wara li gew diskussi l-imsemmija rapporti u decizi il-persentaggi li kellu jinghata kull haddiem, kien hemm qbil illi kellha tissejjah laqgha ghall-haddiema assenjati nhar il-21 ta' Novembru 2016 fit-3:00p.m. Waqt il-laqgha, li ghaliha kellhom ikunu prezenti l-Kunsilliera kollha kellhom jigu diskussi nuqqasjiet tal-istess haddiema. |
| 31.8 | Korrispondenza |
| 31.8.1 | Permezz ta' e-mail datat 24 t'Ottubru 2016,il-Perit Leonard Zammit informa lill-Kunsill Lokali bi zvilupp li kien ser ikun hemm fi Triq Lepanto. |

| | |
|---|---|
| | Wara li gew evalwati l-izviluppi proposti kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu azzjoni hekk kif jigu sottomessi l-applikazzjonijiet ghall-izvilupp. |
| 31.8.2 | Permezz ta' e-mail datat 24 t'Ottubru 2016, is-Sur Sergio Mallia minn WEEE Malta ippropona illi fil-binja tal-Kunsill Lokali ikun hemm kontenitur ghall-iskart elettroniku.<br>Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa bi prova ghall-perjodu ta' xahrejn. |
| 31.8.3 | Permezz ta' e-mail datat 20 t'Ottubru 2016, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali talab laqgha ma' LESA bil-ghan illi jigu diskussi illegalitajiet rikorrenti fil-lokalita'. |
| 31.8.4 | Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Novembru 2016, is-Segretarja ta' Regjun Xlokk infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet ser tinzamm mal-Onor Dr.Stefan Buontempo ghall-Kunsilli li jifformaw parti mir-regjun Xlokk nhar is-Sibt 10 ta' Dicembru 2016. |
| 31.8.5 | Applikazzjonijiet minghand is-Sinjuri Adrian Caruana, John Carabott, Adrian Farrugia, William Carabott, Martin Scicluna u Jonathan Ellul sabiex itellghu l-opri tal-bahar taghhom fuq l-art.<br>Minhabba ragunijiet legali, il-Kunsill Lokali iddecieda illi l-ebda applikazzjoni ma' setghet tigi approvata. |
| 31.8.6 | Permezz ta' ittra datata 7 ta' Novembru 2016, Il-Kunsill Lokali talab lil Electrogas Ltd. jaghti informazzjoni dwar arbli kienu twahhlu fi Triq il-Powerstation u li kien qieghed jigi allegat li kienu twahhlu sabiex jassorbu s-sajjieti.<br>F'ittra datata 15 ta' Novembru 2016, Electrogas Ltd. infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-imsemmija arbli kienu tnehhew. |
| 31.8.7 | Permezz ta' e-mail datat 3 ta' Novembru 2016, is-Sa. Ellis Mc.Cullough f'isem ADI Associates talbet lill-Kunsill Lokali laqgha sabiex ikun jista' jigi diskuss zvilupp li kien qieghed jiigi propost fil-konfini tal-bajja tal-kalanka.<br>Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jipproponi illi l-laqgha mitluba tinzamm nhar l-24 ta' Novembru 2016. |
| 31.8.8 | Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Novembru 2016, is-Sur Mario Carabott, Vici-President ta' ghaqda tas-Sajjieda talab illi l-Kunsill Lokali jidentifika gurnata u hin sabiex l-ghaqda tieghu tinghata l-opportunita' illi tiddiskuti mal-Kunsill Lokali iz-zona tal-maghluq flimkien ma' affarijiet ohra.<br>Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jipproponi illi l-laqgha tinzamm nhar it-23 ta' Novembru 2016 fid-9:00a.m. |
| 31.8.9 | Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Novembru 2016, is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali b'ilment dwar bankina li kien wasallu minghand is-Sur Brian Pantalleresco.<br>Wara li inghataw id-dettalji tal-ilment, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellux ir-rizorsi mehtiega sabiex jaghmel bankina fi Triq il-Galjazz hekk kif mitlub. |
| 31.8.10 | Permezz ta ittra datata 11 ta' Ottubru 2016, l-Awtorita' Maltija ghall-ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjoni ghal zvilupp fi Sqaq Nru 3 Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk.<br>Bi qbil unanimu gie deciz illi kellha tintalab laqgha lill-applikant bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jinghata aktar dettalji. |
| 31.8.11 | Permezz ta' avvizi li deheru fil-Gazzetta tal-Gvern l-Awtorita' tal-Ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/02381/16, PA/02429/16, |

| | |
|---|---|
| | PA/02596/16, PA/02552/16, PA/03612/16, RG/0035/16, PA/06210/16, PA/05350/16, PA/02880/16, PA/06498/16, PA/06486/16, PA/06635/16, PA/06671/16, RG/00320/16 U PA/06675/16.<br>Wara li gew evalwati l-applikazzjonijiet gie deciz illi kellha tintalab site plan ghal applikazzjoni numru PA/06635/16, filwaqt li dwar applikazzjonijiet numru PA/02381/16 u PA/06486/16 kellhom jintalbu aktar dettalji. |
| 31.9 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' rapporti tal-laqghat ta' Kumitati u/jew Sotto-Kumitati |
| 31.9.1 | Ma kienx hemm |
| 31.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti. |
| 31.10.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 11/16 ) ghall-approvazzjoni. |
| 31.10.2 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Stephen Caruana, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| 31.11 | Mozzjonijiet |
| 31.11.1 | Il-Kunsilliera Janice Chetcuti ressqet din il-mozzjoni ghad-diskussjoni:<br><br>*Informazzjoni li ghandha tinghata lir-residenti ta' Marsaxlokk dwar il-Pjan ta' emergenza relatat mal-operazzjoni tal-installazzjoni tal-Power Station tal-gass.*<br>*Peress illi l-gimgha li ghaddiet gie ppublikat ir-rapport External Emergency Policy maghmul mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili,*<br>*Peress illi dan ir-rapport jitratta l-Power Station tal-Gass stazzjonata f'Delimara kif ukoll it-tanker tal-gas stazzjonat bil-bajja ta' <arsaxlokk li jahzen gass fil-forma likwidu tieghu,*<br>*Peress illi dan ir-rapport ghandu jitkellem dwar il-pjan ta' emergenza u procedure ta' sigurta' li ghandhom jigu implimentati mir-residenti f'kazijiet ta' emergenza,*<br>*Peress illi fl-imsemmi rapport gie maqtugh il-pjan ta' emergenza b'mod li hadd ma jaf x'ghandu jsir f'kaz ta' emergenza, specjalment fejn tidhol evakwazzjoni ta' residenti*<br>*Peress illi l-materjal li ser jigu mqassam lill-pubbliku ma jserrahx b'mod intier mohh ir-residenti dwar is-sigurta' taghhom.*<br>*Fid-dawl tal-fatti, huwa dritt ta' kull individwu specjalment jekk resident li jkun infurmat b'mod shih u kontinwu bil-possibilitajiet ta' riskji u kif dawn jistghu jigu mitigati u x'inhuma l-azzjonijiet li ghandhom jittiehdu f'kaz ta' emergenza. Huwa ghalhekk li l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jishaq illi tinghata informazzjoni cara u shiha lil kulhadd f'dan ir-rigward.*<br>*Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jinsisti li l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi tippublika minnufih ir-rapport External Emergency Plan fl-intier tighu, inkluz il-Pjan Operazzjoni ta' Emergenza u l-proceduri kollha li ghandhom jigu segwiti f'kaz ta' emergenza.*<br><br>Ma kien hemm ebda sekondant u ghaldaqstant il-mozzjoni ma' tressqitx ghall-votazzjoni. |
| 31.11.2 | Is-Sindku is-Sur Horace Gauci ressaq din il-mozzjoni ghad-diskussjoni: |

| | |
|---|---|
| | *Nipproponi illi Triq Vittorio Cassar ma tibqax miftuha ghal sewqan fiz-zewg direzzjonijiet izda ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex it-traffiku jinstaq fid-direzzjoni ta' Triq il-Kajjikk hekk kif indikat fil-pjanta ta' hawn taht*<br><br>Il-Kunsilliera Janice Cauchi ssekondat il-mozzjoni li ghaddiet b'votazzjoni unanima. |
| 31.11.3 | Is-Sindku is-Sur Horace Gauci ressaq din il-mozzjoni ghad-diskussjoni:<br><br>*Nipproponi illi Triq Vittorio Cassar ma tibqax miftuha ghal sewqan fiz-zewg direzzjonijiet izda ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex it-traffiku jinstaq biss fid-direzzjoni ta' Wesgha Dun Guzepp Caruana hekk kif indikat fil-pjanta ta' hawn taht*<br><br>Il-Kunsilliera Janice Cauchi ssekondat il-mozzjoni li ghaddiet b'votazzjoni unanima. |
| 31.11.4 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa ressaq din il-mozzjoni ghad-diskussjoni:<br><br>*Wara li fuq post facebook kien hemm ilment ta' nies li qeghdin jaqghu fuq certa hofor gewwa il-maqghluq, b'konsegwenza li saret snin ilu meta tnehhiet central strip u inghata il-konkos. Hemm marki ta' karozzi li rifsu dan il-konkos u hallew forma fonda hafna nies ikorru minhabba dan. Nafu li f'xi hin se jibda il-progett tal-maghluq izda qieghed naghmel proposta talba ghal ftit konkos sabiex inreqqghu dawn il-bicctejn.*<br><br>Il-Kunsilliera Janice Chetcuti issekondat din il-mozzjoni li ghaddiet b'votazzjoni ta' tliet voti favur u zewg voti kontra. |
| 31.11.5 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa ressaq din il-mozzjoni ghad-diskussjoni:<br><br>*Wara li fil-pjazza saru marki ta' linji sofor fuq in-naha ta' fuq (ta' min jghid li hallew impatt pozittiv fuq is-sitwazzjoni tat-traffiku). Qieghd nipproponi li fuq in-naha ta' isfel tinzebagh BUS STOP u li jsiru spazji ghal parkegg izda l-uzu taghhom ikun limitat. Ghal dan il-ghan isiru tabelli fejn juru li l-parkegg huwa permessibbli wara l-erbgha ta' filghaxija. B'hekk neliminaw parkegg fil-pjazza u inkomplu newitaw il-kongestjoni mill-pjazza*.<br>Is-Sur Horace Gauci ressaq propost ta' emenda ghall-mozzjoni. Il-proposta kienet tghid illi l-mozzjoni tinqara kif gej:<br><br>*Wara li fil-pjazza saru marki ta' linji sofor fuq in-naha ta' fuq (ta' min jghid li hallew impatt pozittiv fuq is-sitwazzjoni tat-traffiku). Qieghd nipproponi li fuq in-naha ta' isfel tinzebagh BUS STOP*<br><br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa issekonda l-mozzjoni hekk kif emendata li ghaddiet b'votazzjoni unanima. |
| F'dan l-istadju il-Vici-Sindku , is-Sur Steven Grech hareg mis-seduta (7:20pm.) | |
| 31.11.6 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa ressaq din il-mozzjoni ghad-diskussjoni:<br><br>*Wara li ltqajna ma' Transport Malta xahar ilu fejn iddiskutejna possibilment ta' applikazzjoni dwar fondi rurali sabeix titranga triq Xorb l-Ghagin jidher li baqa' hafna zmien. Attwalment it-triq mhux qieghda hazin izda perikoluza fejn hemm hofor diversi* |

| | |
|---|---|
| | *piede kbar u bix-xita ricentement saru aktar fondi. Qieghed nipproponi fejn mill-gdid lil-Kunsill sabiex jidhol f'diskussjon mal-public works u nidhlu fi ftehim fejn ahna infornu l-asfalt u huma jipprovdu il-hidma wisq urgenti ghal din it-triq.*<br><br>Il-Kunsillier Stephen Caruana issekonda din il-mozzjoni li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti. |
| 31.12 | Tmiem tal-Laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 31.12.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016 fil-5:00p.m. |

Konfermati, illum 15 ta' Dicembru 2016

IFFIRMATI

_______________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATI

_________________

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv